# MQABBA LOCAL COUNCIL

**29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-Seduta numru wieħed u sebgħin (71) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 13 ta' April, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Maria Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Din il-**laqgħa inżammet il-għada** tal-ġurnata murija fl-agenda għaliex inċidentalment fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, il-KLM irċieva invit minn għand is-Soċjeta' Sta Marija, fejn il-kunsillieri kienu mistiedna jsegwu l-ftuħ ta' wirja fil-każin tagħhom, propju l-bieraħ, 12 ta' April fil-ħin li kienet skedata l-laqgħa tal-KLM. Is-Sindku, permezz ta' e-mail lill-kunsillieri, ippropona li din il-laqgħa kellha tkun posposta għal ġurnata ta' wara, kif fil-fatt qablu li jsir l-istess kunsillieri.

2. Is-**Sindku ippresjeda din il-laqgħa** u qal it-talba.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu mibgħuta minn qabel lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* u dawn kienu meħuda bħala moqrija u kienu approvati u ffirmati wara li kien hemm talba għal tliet korrezzjonijiet minn Grace Marie Mallia. Dawn il-korrezzjonijiet saru bl-intervent ukoll tal-kunsillieri l-oħra kif jidher bil-linka tal-pinna fuq il-kopja oriġinali u ġew inizjalati.

**Punti mill-minuti.**

4. Is-Sindku qal li din is-sena se jattendi wkoll s-SE mal-kontinġent fil-**mawra f'Għawdex** filwaqt li Mersia Mackay uriet ix-xewqa li ma tattendix u din se tibqa' tiftaħ l-uffiċċju kif fil-fatt fetaħ s-sena l-oħra mis-SE. Is-SE qal li hu ma kienx preżenti s-sena l-oħra għaliex ma setgħax jibqa' xogħol wara l-4:00pm mentri minn Għawdex mhux ittamat lil naslu qabel is-6:00pm. Waqt il-laqgħa, ġie diskuss dak li aktar qabel matul il- ġimgħa, Grace Marie Mallia infurmat lis-Sindku li kienet irċeviet *flyer* fejn jgħid li l-istess restaurant *'Seashells'* jorganizza mawra f' Għawdex inkluż l-ikel għal prezz ta' €12.78 Inkluż il-Vat. Is-Sindku qal li ma' Grace Marie Mallia baqa' li ser jara jekk isibx trasport f'Malta bi prezz tajjeb u jaqdina fil-ħin li neħtieġu. Hu kompla jgħid li Mersia Mackay iċċekkjat mal-istess Garden of Eden filwaqt li hu (is-Sindku) iċċekkja ma Zarb Coaches u Nimrod Garage fejn tal-aħħar kienu l-aktar vantaġġjuż. Hawn intqal li dan ikun ifisser illi l-prezzijiet ta' kull min ġej magħna se jorħos u issa ġew hekk. Il-kbar

se jħallsu €20, it-tfal se jħallsu €12 u l-anzjani se jħallsu €16. Għat-trasport f'Malta u din is-sena se nieħdu is-servizz tan-Nimrod Garage Zurrieq.

5. Grace Marie Mallia semmiet il-***Bye-Law***. Filwaqt illi hija tinnota li kienu l-każini tal-banda li xtaqu din il-*Bye-Law* li tabolixxi l-kontenituri ħġieġ (biex wara kollox tissalvagwardja speċjalment waqt il-marċi fejn jistgħu jiġru aċċidenti) issa huma l-istess każini tal-banda li ndunaw li din se jkollha konsegwenzi li ma ħasbux fihom qabel. Dwar dan se naraw x'jista' jsir billi nipproponu emendi jekk il-liġi tippermettielna wara li jgħaddi perjodu ta' żmien.

6. Dwar il-**permess għal attivita'** li ser tittella' f'Misraħ il-Fidwa mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju, fl-1 ta' Mejju, 2011, is-SE qal li din hija purament *issue* amministrattiva dwar għoti ta' permess kif jistipula l-istess avviż legali. Madankollu permess ta' din ix-xorta normalment kien jintalab għall-Pjazza tal-Knisja. Peress li l-KLM kien diġa' ħareġ permess għal attivita' tas-Soċjeta' Sta Marija, l-KLM jħoss li għandu joħroġ dan il-permess ukoll. Madankollu materja ta' mportanza bħal din hu tajjeb li tkun diskussa f'laqgħa tal-KLM kif fil-fatt qed isir bħal issa. Hawn intqal li dan is-sit hu ċirkondat minn bosta residenzi u għalhekk huwa sensittiv forsi aktar mill-istess Pjazza tal-Knisja li fiha joqgħodu ftit familji (li issa addattaw ruħhom għaċ-ċirkustanzi) u għalhekk l-impatt hu limitat. Is-Sindku ta l-parir lis-Sur Benny Briffa, is-Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju illi għandhom jinfurmaw lill-familji li joqgħodu fl-inħawi minn qabel sabiex ma jkunx hemm problemi ta' aċċess.

7. Is-Sindku qal li fl-agenda tal-laqgħa li jmiss nhar is-26 ta' April, 2011, il-KLM għandu jibda' jiddiskuti mhux biss dwar **Ġieh l-Imqabba** iżda fuq il-programm kollu ta' Jum l-Imqabba 2011 ħalli jħejji sew għal dawn l-avvenimenti.

8. Dwar it-trinka li għandha ssir fil-Pjazza tal-Knisja biex jiġu eliminati *overhead wires* mal-faċċata tal-Uffiċċju Parrokkjali, is-Sindku informa lill-kunsillieri li x-xogħol se jsir nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 19 u 20 ta' April. Il-KLM se jħallas l-ispejjeż kif muri fiċ-ċedola tal-pagamenti approvata aktar tard fil-laqgħa, tal-Gwardjan Lokali li se jkun maqlugħ mis-7:00am sal-5:00pm biex jakkumpanja lill-kuntrattur.

9. Intant, is-Sindku informa wkoll lill-kunsillieri illi nhar l-14 jew il-15 ta' April, il-**Korporazzjoni Enemalta se tagħlaq parti minn Triq tas-Sejba** u se jkun hemm devjazzjoni fit-traffiku minħabba xogħlijiet tal-*overhanging cables*, bejn Troll u Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Peress li fl-istess waqt għaddejjin xogħol tal-KLM fi Triq il-Pal u Troll, id-devjazzjoni se tkun itwal għaliex trid tgħaddi minn Sta Katerina, Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Ġilju.

10. Dwar id-diffikulta' tal-**parkeġġ fi Triq Mikelang Sapiano**, fl-aħħar inżebgħu il-marki tat-traffiku sofor biex jabolixxu parkeġġ minn quddiem residenza. Dan wara tant diffikultajiet fejn indaħlu biex jirrimedjaw mhux biss Transport Malta iżda wkoll l-Ombudsman.

11. L-**Aġenzija tal-Pagamenti**, stiednet lill-Kunsilli Lokali biex jibgħatu l-uffiċjali li se jkunu inkarigati li jimlew il-formularju ta' kull kwart li se jkun qed jirreġistra l-progress fil-proġett tal-Mentna li minnu l-KLM se jibbenefika minn fondi f'**Miżura 313**. Għal dan it-taħriġ se jattendi is-SE.

12. Fi sforzi biex inkunu qed nużaw fondi mill-**Fond għat-Titjib Urban** li għadu qed jakkumula fi ħdan il-MEPA, intbgħatet id-dokumentazzjoni kollha mitluba mill-istess uffiċjali tal-MEPA. Għaldaqstant se naraw meta se jsejħulna biex niffirmaw il-kuntratt jekk ikunu sodisfatti bid-dokumentazzjoni li tajnihom.

13. S'issa għadna mingħajr risposta mill-*Environmental Landscapes Consortium* dwar is-**siġar tal-*ficus*** li hemm fis-*Central Strip* fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Dawn nemmnu li għandhom jinqalgħu mingħajr dewmien għaliex qed jagħmlu ħsara kbira u għandhom jiġu mibdula ma speċi endemiċi oħra aktar addattatabbli f'siti urbani.

14. L-**għeluq ta' Triq San Mikiel bil-*bollards*,** hija it-tieni waħda fl-Imqabba deskritta bħala pedonali. Is-Sindku qal li din it-triq wara li fiha sar investiment qawwi ta' pavimentar, għall-ewwel kien hemm ftit reżistenza mir-residenti nfushom. Infatti kien hemm min qal li dan ma setgħax isir għaliex sqaq minnhom hu privat u sid ir-residenza m'għandux ikun imċaħħad mill-aċċess. Is-Sindku qal li huwa propju dan li jagħmel sens, għaliex l-istess Transport Malta saħqet li fuq it-tabelli jkun hemm miktub *'except for access'*.

**Agenda**

15. Kien approvat wara li kien ukoll diskuss ir-**Rapport Amministrattiv għas-sena 2010.** Kien hemm ukoll xi korrezzjonijiet xi jsiru f'dak li għandu x'jaqsam ma persentaġġi tal-attendenza tal-laqgħat tal-kunsillieri. Dan se jitbgħat għand id-Dipartiment Gvern Lokali kif ukoll kopja tiegħu se tmur għand l-Awdituri *Grant Thornton* li talbuhulna waqt l-uditjar. Nicholas Briffa talab l-*istatement of affairs* uditjata għas-sena 2010.

16. Is-Sindku hu tal-fehma illi bil-fondi li se jibbenefika minnhom il-KLM mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskema tal-**Energy Saving 2011,** għandhom jiġu rranġati il-bieb tal-gallarija tal-uffiċċju tiegħu minħabba l-istat tal-biki li ġie biż-żmien u l-elementi naturali, billi jinbidel u jsir bi ħġieġ *double glazing* kif ukoll jinxtara *low power consumption computer* għas-Segretarju Eżekuttiv, *TFT screen* biex jinbidel ukoll is-*CRT* ta' Valerie Galea ma wieħed *TFT*. Dan se jsir bħala parti minn pjan sabiex nirranġaw ukoll l-illuminazzjoni tal-uffiċini kif ukoll nibdlu l-lampi kollha ma dawk *energy savers* fl-Isptar il-Qadim. Ser tinbidel is-sistema tal-IT li għandna fl-uffiċċju tagħna. Għal dan il-għan id-Deputat Sindku qal li hemm bżonn li nagħmlu *schematic plan* jekk speċjalment se jinbidlu xi dwal fil-ħitan. Għal dan il-kliem is-Sindku irrisponda li m'hemmx għalfejn.

17. Dwar il-**proġett tal-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ**, xi kunsillieri staqsew f'hiex qiegħdin bħala *budget*? Is-Sindku qal li dan jista' qatt jitwettaq biss jekk l-istess żgħażagħ jirnexxilhom jittappjaw il-fondi nazzjonali għal dan il-għan. Intant is-SE bagħat l-iskeda tal-ftuħ tal-kwotazzjonijiet li seħħet waqt li kien qed isir l-uditjar aktar kmieni fil-jiem li għaddew, lill-kunsillieri u f'dan il-waqt inqalgħet id-dokumentazzjoni tal-*bidders* li tefgħu l-offerta tagħhom.

18. Dwar il-**kalendarju stampat**, li għalih kellna l-offerta ta' *Kap Services Ltd* għal €2,143 il-proposta tal-kunsillieri kienet illi nieħdu opinjoni oħra peress li ma nistgħux nikkomparawha mal-ebda' prezz ieħor. Dan minkejja li s-Sindku qal li hu personalment jara din l-offerta bħala waħda għolja ħafna. Hu kompla illi għada għandhom jiltaqgħu l-istess żgħażagħ sabiex jevalwaw dak li se jiddeċiedi l-KLM għaliex finalment ir-rapport tagħhom iridu jlestuh sat-13 ta' Mejju, 2011.

19. Dwar il-proposta ***cctv***, l-Inġinier Albert Ellul li ġie fuq is-sit kellu dawn il-kummenti. Hu qal lis-sindku li b'*budget* ta' madwar €6,000, l-KLM għandu jikkunsidra provista ta' tliet *cameras* li jaħdmu b'sistema li tista' tkun anke solari u ma jkollhomx bżonn linja tal-elettriku. Fl-istess ħin ikunu *wireless* (wi-fi connected) li llum huma avvanzati ħafna bħala kjarezza minkejja li ma jkunux jiċċaqilqu minn naħa għall-oħra (motorizzati). Qal ukoll li s-sistema tibgħat dak li l-cameras jaraw lejn il-Kunsill permezz ta' *wave signal.* Is-SE qal li l-Inġinier ta' *Dedicated Micros*, ġie fuq il-post (fuq xewqa tiegħu stess qabel tefa' l-offerta) u wkoll ippropona xi ħaġa simili b'*cameras* li jirrekordjaw fihom infushom u jittrasmettu kollox b'wi-fi jew b'linja tat-telefon. Dawn il-*cameras* li jaħdmuhom huma stess, huma ċari ħafna u l-inġinier lest li jwaħħal waħda bi prova għal diversi jiem fir-raħal biex il-KLM ikun konvint minn dak li jkun se jixtri. Wara diskussjoni sħiħa dwar l-ispeċifikazzjonijiet li ħareġ il-KLM, is-Sindku qal li sa nhar l-Erbgħa li ġejjin irridu noħorġu mill-ġdid din l-offerta għaliex skond l-Inġinier l-ispeċifikazzjonijiet ma kienux *up to standard*. Għaldaqstant il-KLM iddeċieda illi jistenna' r-rapport tal-WI-FI ukoll minn għand l-Inġinier Albert Ellul sabiex jivvettjahom u jgħidilna jekk li tlabna kienx *up to standard.*

20. Dwar id-**dokumentarju** Nicholas Briffa iddikjara li hu mhux se jieħu sehem fid-dibattitu għaliex wieħed mill-*bidders* huwa it-tifel tiegħu stess u għalhekk għandu nteress. Hawn intqal illi jekk dan isir dan ikun xi ħaġa *copyright* tal-KLM. Hawn Charles Farrugia qal li jaħseb li għandna nagħmlu *tender document* aktar dettaljat u imbgħad ħalli nerġgħu noħorġuha. Dan għaliex kien hemm domandi imwieġba lill-*bidders* waqt il-proċess tal-kwotazzjonijiet bħal użu ta' *crane cameras* li ingħataw lil wieħed (li staqsa għalihom) u mhux lil *bidder* ieħor li ma staqsiex għalihom. Dawn itellgħu ħafna l-istima u għalhekk din id-diverġenza kollha fil-figuri offruti lilna. Madankollu intqal illi biex toħroġ tender trid minn tal-inqas tliet ġimgħat jekk ikollok kollox lest li huwa ferm inqas miż-żmien li dawn iż-żgħażagħ għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

21. Il-**ħarġa numru 7 tal-fuljett** tal-KLM kienet f'idejn il-kunsillieri preżenti u din se titqassam fil-jiem li ġejjin u s-Sindku irrimarka dwar il-korsijiet li se joħorġu fuq l-avviżi tal-fuljett, fosthom tal-mużika.

22. Kienet approvata iċ-ċedola tal-pagamenti 411.

23. Il-kunsillieri kellhom aċċess għall-korrispondenza kollha li rċevejna u bagħtna fil-perjodu bejn il-laqgħa preċedenti u din tal-llum.

24. Il-laqgħa ntemmet fid-9:10pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 27 ta' April, 2011 minn Noel Galea
Segretarju Eżekuttiv Sindku